# TALBA TAL-FIDILI

## TNEJN TAL-31 ĠIMGĦA MATUL IS-SENA

*Ċel:* Mistednin għall-mejda tal-Ewkaristija, ejjew inħossuna bħala nies li ma għandniex x'noffru lil Ġesù ħlief il-miżerji tagħna, biex hekk naqilgħu minn għandu l-ħniena u l-maħfra. Nitolbuh u ngħidulu:
R/. *Daħħalna għall-ikla tal-fqajrin tiegħek, Mulej.*

1. Biex il-Knisja tiegħek tilqa' lill-foqra u midinbin għall-mejda tal-ikla ewkaristika, bil-ġenerożità ta' min joffri rigal li mhux tagħha lil dawk li ma jistgħux jagħtu xejn lura ħlief ir-rikonoxxenza tagħhom, nitolbu. R/.

2. Biex il-pajjiżi għonja ma jaħlux u ma jarmux tunnellati ta' ikel biex iżommu l-prezzijiet għolja u hekk iħallu bil-ġuħ miljuni ta' persuni f'pajjiżi foqra, nitolbu. R/.

3. Biex dawk li jgħixu fil-faqar isibu min jgħinhom materjalment, u biex il-persuni li għandhom il-ġid ikunu ġenerużi ma' min hu inqas ixxurtjat minnhom, nitolbu. R/.

4. Biex il-familji jwarrbu t-tentazzjoni tal-kompetizzjoni bejniethom li tnissel l-għira u l-firda u toħloq ħafna inġustizzji, nitolbu. R/.

5. Biex aħna nbiegħdu minna kull kburija fiergħa, u nqisu lill-oħrajn aħjar minna u naqduhom bl-umiltà, nitolbu. R/.

*Ċel:* Mulej Ġesù, għinna biex ma nitkabbrux u ma nintrefgħux fuq l-oħrajn, imma nagħarfu l-miżerja tagħna quddiemek, biex hekk tistedinna għall-ikla tal-mejda tas-sema u tagħtina l-ħlas mistħoqq fil-qawmien tal-ġusti għall-ħajja. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. R/. Amen.

# TALBA TAL-FIDILI

# **TLIETA TAL-31 ĠIMGĦA MATUL IS-SENA**

*Ċel:* Ġesù jistieden għall-ikla tiegħu lil dawk li jilqgħuh bil-fidi tal-fqajrin, filwaqt li ulied il-wegħda, li ma riedux jidħlu għall-ikla, jinqatgħu barra. Nitolbu biex aħna jkollha l-istess sentimenti ta' umiltà ta' Kristu, li ftaqar biex aħna nistagħnew permezz tiegħu, u ngħidulu:
R/. *Agħmilna denji li nieklu miegħek, Mulej.*

1. Għar-ragħajja spiritwali tagħna, biex joħorġu fit-toroq tad-dinja jfittxu lil dawk li huma foqra u mwarrbin, ħalli jdaħħluhom għall-ikla tal-imħabba fi ħdan il-Knisja tiegħek, nitolbu. R/.

2. Għall-kbarat tad-dinja, biex waqt li jgħixu fil-lussu u l-kumdità, ma jwebbsux qalbhom għall-għajta tal-foqra u għall-istedina ta' Kristu biex jgħinuhom, nitolbu. R/.

3. Għal dawk li jimxu wara Kristu aktar mill-qrib fil-ħajja ikkonsagrata, biex ma jkunux xħaħ mad-don tal-vokazzjoni tagħhom u jwieġbu bil-ġenerożità u l-fedeltà, nitolbu. R/.

4. Għal kull min hu mħabbat u għajjien mill-mard u l-problemi tal-ħajja, biex isib mistrieħ u faraġ fil-fidi u għajnuna mill-qraba u l-ħbieb, nitolbu. R/.

5. Għalina biex nitgħallmu l-ubbidjenza u l-umiltà minn Kristu l-Mulej, li obda sal-mewt tas-salib, u nsibu salvazzjoni fl-Isem qaddis tiegħu, nitolbu. R/.

*Ċel:* Bil-qawwa tal-ikla ewkaristika, Mulej Ġesù, daħħalna fil-festa tal-fqajrin tiegħek u agħtina li nistqarruk bħala Mulej u Kristu, biex fl-Isem tiegħek kulħadd jinżel għarkubbtejh fis-sema, fl-art u f'qiegħ l-art, u kull bniedem jara s-salvazzjoni tiegħek. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. R/. Amen.

# TALBA TAL-FIDILI

## ERBGĦA TAL-31 ĠIMGĦA MATUL IS-SENA

*Ċel:* L-evanġelista Luqa jurina kif il-mixja tagħna wara Ġesù titlob minna distakk mill-aktar persuni u affarijiet għeżież, li jeħtieġ li nerfgħu salibna kuljum u li nqisu bil-għaqal l-għażliet li nagħmlu fil-ħajja. Nitolbu biex nifhmu dan kollu biex insiru veri dixxipli ta' Kristu:
R/. *Ħa tkun il-kelma tiegħek dawl għal ħajjitna.*

1. Imla' bil-kuraġġ lill-ministri tal-Knisja tiegħek, biex fil-qadi tal-missjoni tagħhom juru li għażlu lilek l-ewwel u qabel kollox u kulħadd, u ma jibżgħux mir-realtà tas-salib tiegħek, nitolbu. R/.

2. Għin lill-mexxejja politiċi biex jirraġunaw bil-għaqal quddiem kriżijiet u tensjonijiet bejn il-ġnus, biex jevitaw il-gwerer u l-użu tal-armi li bihom imutu nies innoċenti, nitolbu. R/.

3. Kun mal-ġenituri fil-missjoni tagħhom tat-trobbija u l-edukazzjoni ta' wliedhom, u agħtihom kuraġġ u perseveranza quddiem il-qtiegħ ta' qalb u l-problemi li jiffaċċjaw, nitolbu. R/.

4. Bierek lil dawk il-lajċi li jħallu karriera biex jingħataw għall-ħidma ta' volontarjat u evanġelizzazzjoni anke l-bogħod minn art twelidhom, nitolbu. R/.

5. Agħtina li naqdu dmirna bla tgemgim u mingħajr ma nitlajjaw, biex inkunu safja u bla għajb, ulied Alla li nagħmlu l-ġid f'dinja fejn hemm ukoll il-ħażen u l-qerq, nitolbu. R/.

*Ċel:* Agħtina l-għerf tal-Ispirtu tiegħek, Mulej, biex nagħrfu dejjem nagħżlu l-aħjar u naħdmu bil-kuraġġ favur is-saltna tiegħek. Oftomna minn kull ma jħallina skjavi tal-egoiżmu tagħna biex nilqgħu bil-ferħ il-ħelsien li jagħtina s-salib tiegħek. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. R/. Amen.

# TALBA TAL-FIDILI

# **ĦAMIS TAL-31 ĠIMGĦA MATUL IS-SENA**

*Ċel:* Fil-parabboli tan-nagħġa l-mitlufa u tad-drakma li l-mara ssib f'darha Ġesù jrid juri li hu ġie fid-dinja biex ifittex u jsalva lill-midinbin. Induru lejh bil-fidi biex jilqagħna fi ħdanu, għalkemm inħossuna bogħod minnu minħabba d-dnub tagħna:
R/. *Għinna nerġgħu lura lejk, Mulej.*

1. Kun mal-Knisja tiegħek biex tidher bħala omm li tmur tfittex lil uliedha mxerrdin minħabba d-dnub, u tippreżentalhom il-figura tiegħek, li terfa' fuq spallejk in-nagħaġ mitlufin tal-merħla, nitolbu. R/.

2. Lil dawk li jiżbaljaw fis-soċjetà, agħtihom il-grazzja li jindmu minn għemilhom, u permezz tal-korrezzjoni ġusta skond il-liġi jsibu dinjità ġdida u jerġgħu jiġu milqugħin mill-familjari u fid-dinja tax-xogħol, nitolbu. R/.

3. Agħti kuraġġ lill-midinbin biex ma jaqtgħux qalbhom mill-ħniena u l-maħfra tiegħek, u jersqu bil-fiduċja lejn is-sagramenti ta' mħabbtek, nitolbu. R/.

4. Nissel ferħ u tama f'dawk li jiġu riabilitati mill-vizzju tad-droga jew alkoħol, u agħtihom persuni li jgħinuhom b'mod professjonali, nitolbu. R/.

5. Tħalliniex niftaħru bit-tajjeb li nimmaġinaw li nagħmlu aħna, imma għallimna nqisu kollox bla valur quddiem l-għarfien tal-imħabba tiegħek kollha ħniena lejna, nitolbu. R/.

*Ċel:* Mulej Ġesù, erfagħna fuq spallejk għax aħna nħossuna mitlufin mingħajrek. Agħtina li b'din l-Ewkaristija nagħmlu esperjenza profonda tal-ħniena u tal-maħfra tiegħek. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. R/. Amen.

# TALBA TAL-FIDILI

# ĠIMGĦA TAL-31 ĠIMGĦA MATUL IS-SENA

*Ċel:* Li timxi wara Ġesù jitlob minnek li taħdem b'intelliġenza favur is-saltna tiegħu billi tkun qaddej fidil tad-doni li Alla jagħtik. Nitolbu biex aħna nkunu għaqlin fl-użu tajjeb tas-servizz tagħna u nevitaw il-qerq li jbiegħedna minn Alla:
R/. *Agħtina l-għerf tal-Ispirtu tiegħek, Mulej.*

1. Biex il-ministri tal-Knisja jaħdmu bil-ħeġġa fil-qadi tas-saltna ta' Alla permezz tal-għaqal u d-dixxerniment biex idawwlu lill-poplu nisrani dwar kif jevita l-ħażen u jagħżel it-tajjeb, nitolbu. R/.

2. Biex min għandu f'idejh il-ġid ekonomiku jagħraf jinqeda bih mhux biss għall-gwadann personali tiegħu, imma għall-ġid komuni tal-bnedmin, nitolbu. R/.

3. Biex ma nħallux lilna nfusna ninqabdu mill-mod kif jaħsbhuha dawk li moħħhom fil-ħwejjeġ tad-dinja fil-mod kif jgħixu u jaġixxu mal-oħrajn, nitolbu. R/.

4. Biex ir-reliġjużi jkunu nies li jagħtu l-ewwel valur lit-talb u lill-qadi umli ta' Alla u ta' ħuthom, b'kull għerf u intelliġenza spiritwali, nitolbu. R/.

5. Biex aħna ma nkunux għedewwa tas-salib ta' Kristu bil-mod materjalista li fih ngħixu, imma naħsbu dejjem fil-ħwejjeġ tas-sema, nitolbu. R/.

*Ċel:* Mulej Ġesù, inti tbiddel il-ġisem imsejken tagħna fis-sura tal-ġisem glorjuż tiegħek. Agħtina l-għerf tal-Ispirtu qaddis tiegħek biex inkunu amministraturi fidili li nagħżlu dejjem l-aħjar sehem fil-bini tas-saltna tiegħek. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. R/. Amen.

# TALBA TAL-FIDILI

# SIBT TAL-31 ĠIMGĦA MATUL IS-SENA

*Ċel:* Ġesù jwissina li ma nistgħux naqdu lil Alla u lill-flus fl-istess ħin. Nitolbu biex aħna nkunu bnedmin ħielsa li nfittxu l-qliegħ onest tal-għemejjel tajba u tal-imħabba u nevitaw il-qliegħ diżonest tar-regħba u l-infedeltà. Nitolbu:
R/. *Agħmilna għonja quddiemek, Mulej.*

1. Eħles lill-Knisja tiegħek minn kull rabta żejda mal-ġid tad-dinja, biex tkun ħielsa biex taqdi lilek fil-foqra tiegħek fl-użu tajjeb tal-mezzi li għandha bżonn fil-missjoni tagħha, nitolbu. R/.

2. Warrab mis-soċjetà tagħna t-tentazzjoni tal-korruzzjoni li biha l-bnedmin jagħmew wara l-flus u jinsew il-valuri tal-ispirtu, nitolbu. R/.

3. Żomm fil-fedeltà tal-imħabba lill-miżżewġin, u kabbar lil uliedna fl-imħabba lejn l-umiltà u ifthilhom għajnejhom biex jindunaw b'min verament jixtieqilhom il-ġid, nitolbu. R/.

4. Bierek lil dawk li jagħtu karità b'ġenerożità u mħabba, fuq l-eżempju tal-ewlenin insara li kienu jgħinu lill-foqra tal-Knisja, nitolbu. R/.

5. Tħalliniex inkunu marbutin mal-flus, imma dawwalna ħalli nagħarfu nagħżlu l-ħwejjeġ li verament jiswew quddiem Alla, nitolbu. R/.

*Ċel:* Mulej Ġesù, inti ftaqart biex aħna nistagħnu. Agħtina l-grazzja li norbtu qalbna biss mal-imħabba tiegħek u li nkunu miftuħin biex naqsmu kull ma aħna u kull ma għandna ma' ħutna. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. R/. Amen.

# TALBA TAL-FIDILI

## IT-TNEJN U TLETIN ĦADD MATUL IS-SENA (Ċ)

*Ċel:* Alla hu sid u għajn tal-ħajja. Fl-istorja tas-salvazzjoni Alla dejjem iddefenda lil dawk li taw xhieda tal-fidi tagħhom sal-mewt, u jwiegħed ħajja ġdida fis-saltna tiegħu li fiha nkunu bħall-anġli fis-sema. Nitolbu biex aħna nistennew bil-ferħ l-għaqda tagħna miegħu u ngħidu:
R/. *Alla tal-ħajjin, ismagħna.*

1. Kun mal-Papa u l-isqfijiet fil-ħidma tagħhom li jiddefendu l-ħajja li hi qaddisa mill-bidunett tagħha sal-mument li fih terġa' tingħaqad miegħek, nitolbu. R/.

2. Agħti kuraġġ u fidi lil dawk l-insara li jsofru moħqrija jew diskriminazzjoni minħabba l-fidi tagħhom minn persuni li jħaddnu fundamentaliżmu reliġjuż jew minn soċjetà ta' sekulariżmu, nitolbu. R/.

3. Farraġ lill-koppji miżżewġin li jitilfu lil xulxin fil-mewt ta' xi ħadd minnhom, u kun mar-romol li jibqgħu jagħtu xhieda ta' fedeltà u mħabba lejn l-ewwel rabta tagħhom, nitolbu. R/.

4. Ixotta d-dmugħ ta' ommijiet li jaraw lil uliedhom morda jew isofru moħqrija mill-kefrija tat-tiranni ta' żminijietna, u agħtihom qawwa fit-tiġrib, nitolbu. R/.

5. Kun int li tfarraġ lil qlubna u tikkonfermana f'kull kelma u għemil ta' ġid, biex inkunu nistgħu niġu mħarsa mill-attakki tal-ispirtu tal-ħażen, nitolbu. R/.

*Ċel:* O Alla, inti Missier tal-ħajja u awtur tal-qawmien mill-imwiet, li quddiemek il-mejtin ukoll jgħixu. Agħmel li l-Kelma ta' Ibnek li nżergħet fi qlubna tnibbet u tagħmel il-frott f'kull għemil tajjeb, biex fil-ħajja u fil-mewt inkunu ikkonfermati fit-tama tal-glorja tiegħek. Bi Kristu Sidna. R/. Amen.

TALBA TAL-FIDILI

# 1 ta' Novembru
# SOLENNITÀ TAL-QADDISIN KOLLHA

*Ċel:* Nifirħu u nfaħħru lil Alla f'din is-solennità tal-Qaddisin kollha, li fiha naraw lil Ġerusalemm tas-sema, li hi ommna, imżejna b'għadd bla tarf ta' dixxipli ta' Kristu li jidħlu għalina bit-talb tagħhom u jissieħbu mal-qtajja' tal-Anġli fit-tifħir ta' Alla. Nitolbu u ngħidu:
R/. *Salvana bit-talb tal-Qaddisin tiegħek.*

1. Għin lill-Papa u lill-isqfijiet biex iwasslulna t-tagħlim safi tal-beatitudni evanġeliċi, u jgħinuna fil-pellegrinaġġ tagħna biex nissieħbu ma' ħutna l-qaddisin fis-sema, nitolbu. R/.

2. Agħti r-rebħa fuq il-ħażen lil dawk li huma ċkejknin u maħqurin mill-kburija tad-dinja, biex ix-xhieda u l-martirju tagħhom jagħtuhom il-libsa bajda u l-palma tar-rebħa li huma merfugħa għall-magħżulin tiegħek, nitolbu. R/.

3. Ferraħ bid-dehra ta' saltnatek lill-foqra, lill-imnikktin, lill-ġwejdin, lil dawk li huma bil-ġuħ u l-għatx tal-ġustizzja, lil dawk li jħennu u huma safja f'qalbhom, li jġibu l-paċi u li huma ippersegwitati, nitolbu. R/.

4. Farraġ lill-morda u lill-moribondi, u ibgħatilhom l-Anġli tiegħek biex jgħinuhom u kenninhom taħt il-mant tal-Verġni Marija, ta' San Ġużepp u tal-qaddisin kollha, nitolbu. R/.

5. Bil-qawwa ta' din l-Ewkaristija agħtina li ngħixu fid-dinjità ta' wlied Alla billi nħarsu s-sejħa tal-qdusija li ksibna fil-magħmudija, nitolbu. R/.

*Ċel:* O Alla, inti waħdek qaddis u fis-sema s-Serafini, il-Kerubini u l-qtajjiet tal-ispirti qaddisa jxandru t-tifħir tiegħek. Sieħeb magħhom lilna li għadna fil-pellegrinaġġ tagħna f'din id-dinja, biex noffrulek hawnhekk l-għotja ta' ħajja qaddisa u niġu ngawduk mal-Verġni Marija u l-Qaddisin kollha fis-saltna tiegħek. Bi Kristu Sidna. R/. Amen.

# TALBA TAL-FIDILI

## 2 ta’ Novembru
## TIFKIRA SOLENNI TAL-FIDILI MEJTIN KOLLHA

*Ċel:* Alla tagħna hu Alla tal-ħajjin, li qajjem lil Ibnu Ġesù Kristu mill-imwiet u tana r-rahan tal-ħajja vera bid-don tal-Ispirtu s-Santu li rċevejna fil-magħmudija. Nitolbuh jagħti mistrieħ u paċi lil ħutna l-mejtin kollha u ngħidulu:
R/. *Alla tal-ħajjin, ismagħna.*

1. Għall-ministri tal-Knisja tiegħek li mietu wara li qdewk bil-fedeltà fis-servizz ta’ mħabba li offrew lill-poplu nisrani, nitolbu. R/.

2. Għall-vittmi innoċenti tal-gwerer, tal-ġuħ, tal-mard, tat-traġedji naturali u ta’ kull xorta ta’ vjolenza, u għal dawk il-bnedmin li mietu abbandunati u li m’għandhomx min jitlob għalihom, nitolbu. R/.

3. Għal min ma jemminx fil-ħajja ta’ dejjem, u hu vittma ta’ materjaliżmu bla Alla, biex jasal għad-dawl tal-fidi fi Kristu u fil-qawmien għall-ħajja, nitolbu. R/.

4. Għall-erwieħ tal-ġenituri, ħutna, qrabatna u benefatturi tagħna, għal kull min għamilna l-ġid u għal dawk li għandhom bżonn speċjali tal-maħfra tiegħek minħabba l-iżbalji li wettqu f’ħajjithom, nitolbu. R/.

5. Għalina, biex din l-Ewkaristija tkun sinjal tal-fidi tagħna fi Kristu rxuxtat, li fdiena bid-demm fil-passjoni u l-mewt tiegħu biex jagħtina li miegħu nqumu għal ħajja ġdida, nitolbu. R/.

*Ċel:* O Alla, inti l-għajn tal-ħajja li tiddi f’wiċċ Kristu rebbieħ fuq id-dnub u l-mewt. Isma’ t-talb tagħna għall-erwieħ kollha mejtin, biex bis-saħħa ta’ din l-Ewkaristija tagħtihom il-paċi u l-mistrieħ fid-dehra tas-sebħ tiegħek u tiġborhom fit-tgħannieqa ta’ mħabbtek. Bi Kristu Sidna. R/. Amen.

TALBA TAL-FIDILI

# 3 ta' Novembru, jew jum ferjali f'Novembru
# TIFKIRA TAL-MEJTIN KOLLHA
# TAL-ORDNI SERAFIKU

*Ċel:* Ħuti għeżież, nitolbu flimkien lil Alla l-Missier li jista' kollox, li qajjem lil Ibnu, Sidna Ġesù Kristu mill-imwiet, biex iħares il-Knisja tiegħu, jagħti s-sliem lid-dinja, u s-salvazzjoni lill-ħajjin u l-mejtin kollha. Nitolbu:
R/. *Alla tal-ħajjin, ismagħna.*

1. Agħti, Mulej, is-sliem lill-Knisja tiegħek, ħarisha, għaqqadha u mexxiha mad-dinja kollha, nitolbu. R/.

2. Dawwal il-fehma ta' dawk li jmexxu l-pajjiżi, biex dejjem iħabirku għall-ġustizzja u l-paċi, nitolbu. R/.

3. Qiegħed għal dejjem mal-Qaddisin tiegħek lill-qaddejja tiegħek ħutna mejtin patrijiet, sorijiet u sekulari Franġiskani, li fil-magħmudija nżergħet fihom iż-żerriegħa tal-ħajja ta' dejjem, nitolbu. R/.

4. Iġma' fis-sebħ tas-saltna tiegħek lill-ġenituri, aħwa, qraba, ħbieb u benefatturi tagħna membri tal-Ordni Serafiku, u lil dawk kollha li għamlulna l-ġid, nitolbu. R/.

5. Agħmel li din l-Ewkaristija tkun sinjal tal-fidi tagħna fi Kristu rxuxtat, li fdiena bid-demm fil-passjoni u l-mewt tiegħu biex jagħtina li miegħu nqumu għal ħajja ġdida, nitolbu. R/.

*Ċel:* Mulej, inti ridt li s-Serafiku Missierna San Franġisk isellem lill-mewt bħala oħtu u jgħanni l-ferħ ta' dawk li jmutu fis-sliem tiegħek u fl-indiema. Ilqa' t-talb tagħna għal ħutna mejtin, membri tal-Ordni Serafiku: aħfrilhom dnubiethom kollha u agħtihom sehem mill-fidwa tiegħek. Bi Kristu Sidna.